MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Avviz Numru. 509/2010

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113)**

**Vs**

**Mark Pace u Manic Company Ltd. (C47122)**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Novembru, 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha s-somma ta' ghaxart elef mitejn u erbgha w sittin Ewro w tlieta w tmenin centzmu (€10,264.83) jew somma ohra verjuri li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilllikwida okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, rapprezentanti valur ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta' rikorrenti u dana a tenur ta' ftehim bejn il-kontendenti li gie annesss

u mmarkat bhala Dok A1 u Dok A2 u skond fatturi li wkoll gew annessi bhala Dok B1 u Dok B2.

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jaffettwaw il-hlas relattiv anke permezz ta' ittra ufficcjali tas-26 ta' Lulju 2010 prezentata a tenur ta' l-artikolui 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-26 ta' Lulju 2010 prezentata a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta w bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-intimati li huma minn issa ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond riferta posittiva tal-Purtier Julian Caruana datata 11 ta' Frar 2011 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill lokali ta' Hal Tarxien, fl-ghassa tal-pulizija ta' Hal Tarxien kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici.

Illi l-konvenut gie notifikat b'din il-kawza wkoll permezz ta' avviz li deher fil-gazetta tal-gvern datata 25 ta' Frar 2011 u fil-gazetta lokali The Times datata 14 ta' Marzu 2011.(fol. 27 u 29 rispettivament)

Illi fis-seduta tat-12 ta' April 2011 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' April 2011 il-konvenuti gew imsejha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba attrici w lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef mitejn u erbgha w sittin Ewro w tlieta w tmenin centezmu (€10,264.83) likwidata**

**minnha ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------